MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 935/2006

**Holtours Ltd (C626)**

**vs**

**Doris Aquilina u Joseph Ayling**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta' Holtours Limited fejn din, wara li ppremettiet illi:

L-esponenti hija l-proprjetarja ta' garaxx numru tnejn (2), Saint John's Ditch, Valletta.

Il-konvenuti jew min minnhom qeghdin jokkupaw dan il-fond meta m'ghandhom l-ebda titolu.

Il-konvenuti debitament interpellati sabiex jivvakaw minn dan il-fond baqghu inadempjenti.

Talbu l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda titolu fuq il-garaxx numru tnejn (2), Saint John's Ditch, Valletta.

Tikkundanna lil-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-istess Qorti, jizgumbraw mill-garaxx numru tnejn (2), Saint John's Ditch, Valletta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

B'rizerva ghal kull azzjoni ghad-danni.

Rat ir-risposta ta' Doris Aquilina u ta' Joseph Ayling fejn dawn wara li ppremettew illi:

Preliminarjament, it-talba attrici hija altament intempestiva. L-esponenti, fil-fatt qatt u assolutament bl-ebda mod ma gew interpellati biex jivvakaw il-fond *de quo*, u ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, l-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu akkollati lill-attrici.

Preliminarjament ukoll, l-attrici ma indikatx kjarament u inekwivokabilment liema huwa l-fond illi dwaru qeghda tipprezenta din il-kawza. *Saint John's Ditch* huwa mimli binjiet u kwazi kollha huma garaxxijiet. L-attrici ma tispecifikax inekwivokabilment liema fond qeghda tirreferi ghalih u trid taghmel dan kjarament biex l-esponenti jkunu jistghu jiddefendu ruhhom b'mod xieraq.

Qabel xejn, l-attrici ghandha taghti prova tal-proprjeta' u t-titolu li qeghda tallega li ghandha in rigward ghall-fond *de quo*.

Ghandu jirrizulta li l-konvenuti ghandhom titolu validu ghall-fond de quo, dana kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza.

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-talbiet attrici ma ghandhomx jigu akkolti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

Ikkunsidrat illi z-zewg konvenuti ammettew it-talbiet tas-socjeta’ attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba, tilqa’ t-tieni talba u ghall-fini ta’ zgumbrament tipprefiggi terminu ta’ xahar mil-lum.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------